MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Numru. 310/2000

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT CARMELO BARTOLO**

**KONTRA**

**BRIAN MALLIA ta' 36 sena, iben Louis u Alfrida nee' Borg, imwieled Tal-Pieta' nhar il-11.07.1974, residenti fil-fond numru 79, Triq Bajjada, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 321374(M);**
**U VINCENT CUCCIARDI ta' 51 sena, iben Vince u Stella nee' Azzopardi, imwieled l-Isla nhar id-19.03.1959, residenti fil-fond numru 65, Flat 1, Triq iz-Zewg Mini, l-Isla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 212559(M);**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **BRIAN MALLIA** u **VINCENT CUCCIARDI** li gew akkuzati talli:

1. Nhar it-3 ta' Mejju, 2000, ghall-habta tas-2.00 ta' wara nofsinhar, waqt li kienu l-Furjana, ikkommettew serq ta' oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, kif ukoll bil-vjolenza, kif ukoll bil-mezz li sar ghad-detriment ta' Peter Gardner ta' nazzjonalita' Ingliza;

2. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kul mod li jkun, indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom, liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-imptutati t-tnejn wiegbu li ma kinux hatja ta' l-akkuzi kif migjuba kontra taghhom.

Rat ukoll li fis-seduta ta' nhar l-04.05.2000, il-partijiet qablu li l-valur tal-cam corder Dok CB1 misruq, kien ta' aktar minn mitt lira Maltin (Lm100.00) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00).

Rat ukoll il-korrezzjoni mitluba a folio 35.

Xehed ghalhekk Peter Gardner fejn qal illi waqt li kien qed jiehu drink il-Belt sema' hoss u meta dar ra '*chap*' folio 28, jigri jzomm f'idu video camera li x-xhud kellu taht is-seat. Segwa lil dan ir-ragel, tilfu, pero xehed li ra karozza ghaddejja bi speed. Gharaf il-video camera gia' msemmija, Dok CB1 bhala dik misruqa. Ma setax jidentifika l-malviventi, lanqas rah jitla' fil-vettura. Qal illi din il-camera kien xtraha ghall-ammont ta' seba' mitt Sterlina. Xehdet ukoll certu Agnes Gardner. Anki hi ma setghetx tiddeskrivi l-malviventi li seraq il-camera, anke ghax dan ratu biss minn wara. Gharfet il-camera in kwistjoni.

Xehed l-Ispettur (illum Supritendent) Carmelo Bartolo li spjega li waqt li kien mieghu Gardner gewwa d-Depot, l-Ispetturi Noel Cutajar, Pierre Calleja u Abraham Zammit flimkien ma' pulizija ohra kienu qed jeskortaw persuna li kellha titressaq il-Qorti. Huma kif allura fil-vettura sejrin lejn il-Qorti, dawn raw guvnott jaqsam it-triq jigri b'pouch f'idejh li nzerta aktar tard li kien dak ta' Peter Gardner. Il-pulizija grew warajh, rawh jirkeb karozza CAE 109 Ford Escort. Irrizulta minn iktar investigazzjonijiet tal-pulizija li dan fil-vettura kien l-imputat. Vincent Cucciardi fil-fatt gie arrestat f'car park fejn kienet dahlet il-vettura segwita mentri l-Ispettur Noel Cutajar kien gharaf lil Brian Mallia.

Xehdu ghalhekk l-Ispetturi msemmija. L-Ispettur Abraham Zammit qal illi ra guvni bi flokk marbut ma' rasu u li f'idu mizmum ma' sidru kellu xi haga - dan kien Brian Mallia. Dan inqabad gol-parking, hu kien il-passiggier fil-vettura. Cucciardi kien is-sewwieq.

L-Ispettur Noel Cutajar ukoll involut f'dan is-segwiment bil-vettura gharaf lil Vincent Cucciardi bhala s-sewwieq tal-vettura, mentri Mallia l-passiggier cioe' Brian Mallia, li kellu xi haga ma' rasu, tela' t-tarag ta' hdejn il-Phoenicia Hotel. Fil-vettura gie nnutat pouch.

L-Ispettur Pierre Calleja xehed l-istess fatti. Qal illi fl-insegwiment gharaf lil Brian Mallia, hu kien cert mija fil-mija minn dan.

Xehdu f'dan ir-rigward diversi ufficjali ohra tal-pulizija nvoluti f'dan l-insegwiment, cioe' PS 845 u PS 61.

Rat ukoll ir-rinviju ta' l-Avukat Generali li bih intbaghtu l-Artikoli, cioe':

a. Fl-Artikoli 261(a)(b)(c), 262, 263, 267, 276, 277 u 279 tal-Kodici Kriminali;

b. Fl-Artikoli 334 tal-Kodici Kriminali;

c. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji (folio 80).

Rat ukoll illi l-Avukati Difensuri ezentaw lill-Ufficjal Prosekutur milli jtella' l-prova tar-recidiva fil-konfront tas-sentenzi ezebiti (folio 93) Dok CB, CB1, CB2 u CB3.

Rat li maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, din il-kawza ilha li giet imhollija ghall-provi tad-Difiza, provi pero li baqghu skarsi. Illi tenut kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 261, 262, 263, 267, 276, 277, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tenut kont tal-problema affliggenti liz-zewg imputati, tikkundannahom ghal piena karcerarja ta' sena u nofs kull wiehed, anke wara li rat l-Artikoli 17, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi huma ghandhom jinghataw kull opportunita' possibbli biex jircievu kull ghajnuna opportuna kontra l-abbuz tad-droga. Tqis ir-reat taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala wiehed alternattiv.

Dwar il-karozza bin-numru tar-registrazzjoni CAE 129 tal-ghamla Ford Escort, gia' ezebita formalment u mmarkata Dok CB (seduta 12.05.2000, folio 39), jirrizulta anke mill-istqarrija ta' Vincent Cucciardi li din fil-fatt kienet tappartjeni lilu. Jirrizulta wkoll illi meta nqabdu l-imputati, fiha nstabet ir-res furtiva u ghodod bhal turnavit li normalment jintuzaw ghas-serq, ghaldaqstant din il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna l-konfiska tal-vettura hawn imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------